**ĦU L-INIZJATTIVA**

**L-Inizjattiva taċ-Ċittadini Ewropej**

**Għin fl-ifformar tal-Unjoni Ewropea**

# L-Inizjattiva taċ-Ċittadini Ewropej | Pass pass

L-Inizjattiva taċ-Ċittadini Ewropej hija għodda ta' demokrazija parteċipattiva li tagħti s-setgħa liċ-ċittadini tal-UE biex jifformaw il-politika Ewropea.

START

## Pass 1: IBDA

7

- Ifforma grupp ta' organizzaturi magħmul minn tal-anqas 7 ċittadini tal-UE bl-età li jivvutaw fl-elezzjonijiet Ewropej u li jgħixu f'7 pajjiżi differenti tal-UE.

Mass. xahrejn (Reviżjoni possibbli tal-proposta: + xahrejn)

## Pass 2: IRREĠISTRA L-INIZJATTIVA TIEGĦEK

- Ibgħat talba biex l-inizjattiva tiġi rreġistrata lill-Kummissjoni Ewropea.
- Il-Kummissjoni tirreġistra l-proposta tiegħek (b'mod sħiħ jew parzjalment) jekk taqa' taħt il-kompetenzi tagħha, u tittraduċiha fil-lingwi uffiċjali kollha tal-UE.

Bidu: mass. 6 xhur wara r-reġistrazzjoni

## Pass 3: IKSEB L-APPOĠĠ

1M

- Iġbor minn tal-anqas miljun dikjarazzjoni ta' appoġġ b'numru minimu ta' firmatarji tal-inqas f'7 pajjiżi tal-UE. Tista' tiġbor l-appoġġ f'forma stampata u online.

Mass. 12-il xahar

## Pass 4: QIS LI D-DIKJARAZZJONIJIET TA' APPOĠĠ TIEGĦEK JIĠU VVERIFIKATI

- Qis li d-dikjarazzjonijiet ta' appoġġ jiġu vverifikati mill-awtorità nazzjonali rilevanti f'kull pajjiż li ġbart l-appoġġ fih.

Mass. 6 xhur: 3 xhur biex jintbagħtu + 3 xhur għall-verifika

Mass. 3 xhur mit-tmiem tal-verifika

## Pass 5: IBGĦAT L-INIZJATTIVA TIEGĦEK

- Ladarba d-dikjarazzjonijiet ta' appoġġ jiġu vverifikati u tkun ilħaqt in-numru meħtieġ tagħhom, ibgħat l-inizjattiva tiegħek lill-Kummissjoni.

## Pass 6: IKSEB TWEĠIBA

- Ikollok laqgħa mal-Kummissjoni u smigħ fil-Parlament. Wara konsultazzjonijiet, analiżi u dibattiti, il-Kummissjoni tadotta tweġiba formali li tiddikjara liema azzjoni biħsiebha tieħu.
- Jekk il-Kummissjoni tikkunsidra li tipproponi leġiżlazzjoni, tagħmel proposta, li tintbagħat lill-Parlament u lill-Kunsill. L-ewwel dawn iridu jadottawha biex issir liġi.

Mass. 6 xhur

FINISH

Għal aktar informazzjoni dwar kif torganizza Inizjattiva taċ-Ċittadini Ewropej:

**citizens-initiative.europa.eu**

**#EUTakeTheInitiative**

PDF KA-01-24-005-MT-N ISBN 978-92-68-22538-7 doi: 10.2792/7054302

L-UNJONI EWROPEA

© Unjoni Ewropea, 2024.
L-użu mill-ġdid hu awtorizzat dment li jiġi rikonoxxut is-sors. Il-politika tal-użu mill-ġdid tad-dokumenti tal-Kummissjoni Ewropea hija rregolata bid-Deċiżjoni 2011/833/UE (ĠU L 330, 14.12.2011, p. 39 ).

L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea